MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Appell Civili Numru. 297/2008/1

**Claire Vella nee` Gatt (I.D. 32277 M).**

**vs.**

**Marianne Scott.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat fis-16 ta' Settembru 2010 it-Tribuanl ghal Talbiet Zghar presjedut mill-Gudikatur Dr. Greta Mifsud Agius giet ippronunzjata s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi li qed tigi riprodotta hawhekk:-

*"It-Tribunal,*

*Ra l-Avviz tal-attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' tliet elef erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494) jew somma verjuri, ghal danni kkawzati volontarjament mill-konvenuta fil-vettura*

*tal-attrici tal-marka Toyota Starlet, bin-numur ta' registrazzjoni MUM 019.*

*Bl-ispejjes u l-imghax legali.*

*Ra r-risposta tal-konvenuta li ecceppiet illi qed tikkontesta t-talbiet attrici peress illi mhuwiex minnu li hija kkawzat hsara volontarja fil-vettura tal-attrici.*

*Fit-tieni lok jinghad illi l-ammont mitlub huwa ferm esagerat.*

*Bl-ispejjes kontra l-attrici.*

*Ra x-xhieda ta' Kevin Vella li jispjega li flimkien mal-attrici, martu u l-konvenuta kienu joqghodu fl-istess blokk ta' appartamenti. Ighid li kienu qed isibu diversi vendikazzjonijiet fuq il-vettura li kienet tappartjeni lilhom pero' kienet registrata fuq isem l-attrici. Tac-CID kienu tawh parir sabiex jinstalla video camera u hekk ghamel u rrizulta li l-konvenuta kienet dahlet fil-vettura taghhom darbtejn.*

*Ighid li l-vendikazzjonijiet kienu ilhom ghaddejjin bejn sena u sentejn. Fl-istess video jghid ukoll li kienet tidher il-konvenuta, flimkien ma' zewgha u l-familjari taghha. Kienet tidher twaddab il-hygiene u tefghetu fuq il-vettura taghhom, kif ukoll wadbitu quddiem il-garaxx taghha u l-karozza taghha, taparsi kienu ghamlulha vendikazzjoni wkoll.*

*Bhala hsarat jispjega li kien sab wiper ta' wara maqlugh, il-pum tal-bieb kien mqaccat, Fuq il-windscreen ta' quddiem kien hemm xi 17-il girfa, kif ukoll kien hemm grif fuq il-windscreen ta' wara. Kien hemm ukoll brixx maddawra tal-karozza kollha. Kien hemm hsarat ukoll fil-bibien tal-passiggier u ta' wara.*

*Ix-xhud li kienu hbieb sew mal-konvenuta qabel ma bdew jigru dawn l-incidenti.*

*Ra x-xhieda tal-attrici, li tispjega li kienet taf il-konvenuta ghaliex kienu girien u kienu hbieb sakemm bdew isiru diversi vendikazzjonijiet.*

*Tghid li kienet isib tyres mifqughin, grif, windscreen imkisser u kien fuq parir tal-Pulizija li kienet installet camera. Tghid li kienet installat il-camera, fil-proprjeta' ta' girien ohra, precisament fil-proprjeta' ta' Stephanie Romeo.*

*Tghid li sakemm marret tixtri kienet xeghlet il-camera u kien jidher li l-konvenuta kienet irriversjat ghal fuq il-karozza taghha. Imbaghad kien jidher mill-istess recording, li l-konvenuta waddbet il-hygiene fuq il-vettura taghha, kif ukoll quddiem id-dar tal-konvenuta sabiex donnu kienu jidher li kienet saret vendikazzjoni wkoll. Fir-recording kien jidher li kien hemm it-tfal tal-konvenuta jaqbzu u jgholew u jifirhu b'dak li kienu qed jaraw.*

*Minhabba f'hekk kienu inkarigaw surveyor sabiex ihejji rapport tal-hsarat fuq il-vettura.*

*Ra x-xhieda ta' Natalino Agius, li kien gie nkarigat bhala surveyor. Jispjega li kien ikkomunika mieghu Victor Hili ta' China Garage, li kellu l-vettura tal-attrici ghat-tiswija u qabel ma beda bit-tiswijiet kien talbu jaghmel survey.*

*Filwaqt li kkonferma r-rapport tieghu, jikkonferma li kien hemm hsarat mad-dawra mejt tal-karozza, grif fil-hgieg, "dents" fuq zewg nahat tal-vettura, kemm kbar, kif ukoll zghar. Kien ha ritratti wkoll tal-hsarat u hadem stima fuqhom.*

*Ra x-xhieda tal-konvenuta li tispjega li kienet girien mal-attrici ghal habta tas-sena 2003 u tghid li mill-bidunett kienu bdew il-problemi ghaliex kien qed ikollha problemi fil-pajpijiet u peress li kienet inxurjata mal-Middle Sea Insurance u s-surveyor li kienu jibghatu kien ighidilhom li l-problemi ma kienux accidenti.*

*L-attrici kienet diga` sfrattat zewg familji ohra u dan sabiex ohtha tiehu l-appartament ta' fuq.*

*Tghid li kienet semghet oht l-attrici titkellem fuqha u dan peress li kienet qed tipparkja l-vettura taghha, barra ghaliex kellha lil missierha marid b'cancer u kienet trid thalliha barra fil-kaz, li kellha titlaq lejn l-isptar.*

*Il-vendikazzjonijiet kienu jsiru fuq il-garaxx taghha u kienet isib "human waste," bajd, u l-attrici kienet bdiet taghmel rapporti ghand il-Pulizija.*

*Kien hemm incident fit-13 ta' Gunju, 2006 fejn l-attrici kienet ghamlet rapport, li l-konvenuta kienet ippruvat ittajjarha bil-karozza. Kien cempel is-Surgent Grima u dan kienet innegat kollox ghaliex il-karozza taghha kienet tinstab ghand il-mechanic.*

*Tinnega li kienet tat xi daqqiet fuq il-karozza taghha jew li waddbet xi ghaxtu, pero' ma tichadx li jista' jaghti l-kaz li kien hemm xi drabi fejn setghet laqtet il-vettura, ghaliex peress li kienu qed isiru diversi vendikazzjonijiet kienet qed tipparkja gewwa l-garazz, izda bil-mod kif kienet tipparka l-attrici, il-passagg kien dejjaq, tant li ma tantx setghet timmanuvra tajjeb. Kienet laqtet l-vettura darba meta kienet ghada ggib il-vettura minghand il-mechanic u kienet laqtitha fuq ix-xellug tal-genb tal-vettura.*

*Il-konvenuta tkompli tghid li peress li l-attrici fl-istess zmien li kienet miggielda maghha, kienet miggielda ma' girien ohra u ghalhekk, taf li kien hemm okkazzjonijiet fejn dawn kienu jaghmlulha vendikazzjonijiet u kienet tibza' ghaliex hafna drabi kienet tehel hi.*

*Kien hemm okkazzjoni partikolari, fejn gar kien waddab xi likwidu fuq il-vettura tal-attrici u kienet imbaghad waddbet flixkun ilma sabiex tlahlah kwalsiasi likwidu li seta' twaddab.*

*Dan ghamlitu peress kemm il-darba kienet tehel hi mal-attrici u kienet taghmilha rapport ghand il-Pulizija.*

*Il-girien li kienet miggielda maghhom kienu Bjorn Borg u Michelle, pero' kien hemm certu Joseph li kien joqghod fil-*

*blokk ta’ appartamenti u dan ried jivvendika ruhu mill-attrici ghaliex kienet miggielda ma’ hafna mill-girien.*

*Ra x-xhieda ta’ David John Scott li huwa l-ex ragel tal-konvenuta u jikkonferma li kienu girien u li kienu jingiebu, izda l-inkwiet beda minhabba oht l-attrici u Kopja Informali minhabba li l-attrici kienet tipparkja l-vettura fil-garaxx, tant li kienet tostakola l-hrug tal-vettura taghhom u dan kien qed isir ripetutament.*

*Jinnega li kien waddab xi hygiene fuq il-vettura tal-attrici jew li kien ta’ xi daqqiet fuq il-vettura taghha.*

*Ra x-xhieda ta’ Tony Mamo, li huwa missier il-konvenuta. Jikkonferma li l-konvenuta u l-attrici kienu hbieb, izda l-inkwiet beda meta kienet giet toqghod ohtha f’appartament iehor.*

*Minn hemm bdew il-vendikazzjonijiet ghaliex kienu jsibu toilet paper uzat, hafna bajd, ghagin u sigaretti li kienu jwaddbulhom fil-gallarija taghhom. Gieli s-sigaretti jkun ghadhom mixghulin.*

*Kien hemm problemi ghaliex l-attrici kienet tostakola l-passagg fil-garaxx u kien jitlobha sabiex toqoghod attenta fejn tipparkja ghaliex peress li kellu cancer, kien gieli ikollhom bzonn l-vettura malajr u kienu jsibu l-vettura tal-attrici tibblokkja t-triq.*

*Jichad li kemm hu kif ukoll bintu kienu ghamlu xi vendikazzjonijiet lejn l-attrici u fir-ritratti jghid li kienet persuna ohra u mhux hu u f’wiehed mir-ritratti esebiti, jghid li kien ghadu hiereg mill-Isptar,*

*Ighid li kien hemm incidenti fejn l-attrici kienet ippruvat isawwat lill-konvenuta u dan kien fl-ghassa tal-Qawra, tant li kellu jifridhom is-surgent. Kienet ghamlet erba’ rapporti foloz.*

*Jichad li kien hemm kawzi kriminali kontra bintu l-konvenuta.*

*Ra x-xhieda ta' Phyllis Mamo, omm il-konvenuta, li tghid li l-konvenuta kellha tmur toqghod maghha minhabba l-problemi li kellha mal-attrici.*

*Tghid li t-tir tal-attrici kien li tiehu l-appartament talkonvenuta u qatt ma kienet semmiet xi hsarat fuq il-vettura taghha.*

*Tghid li l-attrici kienet akkuzat lill-konvenuta li kienet kattiva u dan ghaliex kienet akkuzat lil certu Joseph talli kien ikkaguna xi hsarat fuq il-vettura tal-attrici.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidra*

*L-attrici intavolat din l-kawza peress illi tallega li l-vettura taghha kienet soffriet danni minhabba vendikazzjonijiet li ghamlet il-konvenuta fuq l-istess vettura.*

*Da parti taghha, il-konvenuta tinsisti li bla ebda mod ma kienet responsabbli ghad-danni li gew ikkagunati fuq il-vettura tal-attrici.*

*Dan it-Tribunal irid jistabilixxi mill-provi migbura li kien hemm rabta bejn l-azzjonijiet tal-konvenuta u d-danni li gew ikkagunati.*

*Il-konvenuta tammetti li r-relazzjonijiet bejniethom ma tantx kienu tajbin u li l-attrici kellha inkwiet ma' hafna mill-girien. Tikkonferma wkoll li kien hemm kwistjoni minhabba li l-attrici kienet tipparkja l-vettura taghha b'tali mod u manjiera li l-konvenuta kienet qed ikollha problemi biex idahhal il-karozza taghha u kien hemm drabi meta laqtet l-vettura tal-attrici.*

*Mir-rapporti tal-Pulizija jirrizulta li kien hemm diversi incidenti u dizgwid bejn il-partijiet.*

*L-attrici pproduciet video recording li kienet hadet peress illi kien ilha jkollha suspetti fuq il-konvenuta u kien fuq parir tal-pulizija li kienet installat din il-camera fil-garaxx.*

*Mir-recordings tidher il-konvenuta u anke missierha u jidhru li qedghin imissu l-vettura tal-attrici. Dan ir-recording per se hija prova skjaccanti li l-konvenuta kkagunat hsara deliberatament fuq il-vettura tal-attrici. Ir-ritratti esebiti wkoll jikkonfermaw li kien hemm hsara volontarja peress li kien hemm serje ta' cirkostanzi li juru lill-konvenuta tbabas fil-vettura tal-attrici.*

*Bhala prova ukoll gie esebit r-rapport tas-surveyor Natalino Agius li stabilixxa li fil-vettura ta' l-attrici tal-marka Toyota b'numru ta' registrazzjoni MUM 019, kien hemm diversi hsarat, inkluz "**hard damages affecting the rear left wing, rear left door and front door plus the rear left side bumper and corner……There are also scratches on the front left wing, bonnet and right front wing. There is also a small dent on the rear right wing and the driver's door handle has been broken."***

*Bhala spejjes u quantum tad-danni, is-surveryor Agius wasal ghas-segwenti cifri –*

*a) Upholstery (€163.06 ) ekwivalenti ghal (Lm 70)*
*b) Paint labour (€337.76) ekwivalenti ghal (Lm 145)*
*c) Panel beating (€104.82) ekwivalenti ghal (Lm45)*
*d) Estimated spare parts costs (€ 335) ekwivalenti ghal (Lm143.82)*
*e) Total costs of labour (€ 554.39) ekwivalenti ghal (Lm238)*

*Fil-kamp civili, it-Tribunal jehtieg li jiddeciedi a bazi ta' probabbilita'. Mill-provi cirkostanzjali jidher li anke jekk il-konvenuta donnha trid twahhal ir-responsabilita' fuq girien iehor, u anke sahansitra ssemmihom b'ismhom, pero' qatt ma ressqithom bhala xhieda, biex jikkonfermaw li kellhom relazzjonijiet hziena mal-attrici. It-Tribunal ma jistax jippretendi li dawn kienu lesti li jixhdu u jammettu li kienu huma li kkagunaw danni fil-vettura ta' l-attrici. It-Tribunal irid jiddecidi fuq il-provi migjuba fuq bazi ta' probabilita'.*

*Ir-relazzjonijiet hziena bejn il-partijiet kienu ammessi u hadt minnhom ma kkontestaw dan il-fatt anzi pjuttost aktar*

*issostanzjathom il-konvenuta bil-produzzjoni tax-xhieda tal-genituri taghha.*

*Anke l-Pulizija mid-distrett tal-Qawra, jammettu li din il-kwistjoni kienet ilha ghaddejja ghal zmien twil u dan kif jirrizulta mir-rapport esebiti.*

*Madanakollu, it-Tribunal, huwa konvint li l-attrici mhix ghal kollox innocenti, u cioe' li hi ukoll kienet qed tisfida lill-konvenuta u tivvendika ruhha minnha billi tipparkjalha u tostakolha l-passagg, ghaliex altrimenti r-relazzjonjiet ma kienux jihzienu daqshekk u apparti minn hekk fl-ebda hin l-attrici ma kkontestat li kienet miggielda mal-konvenuta.*

*Il-video, r-ritratti, r-rapporti tal-pulizija, l-granet tar-recordings u l-granet tar-rapporti huma kollha kkorroborati kollha jippuntaw fuq il-konvenuta u dan it-Tribunal huwa konvint li huma sufficjenti bhala prova li kienet hi l-konvenuta li kkagunat din il-hsara probabbilment volontarjament u dan anke meta jigi kkunsidrat li ma kenitx konxja tal-fatt li kien hemm camera mohbija.*

*Jibqa' biex jigi kkunsidrat il-quantum tad-danni. L-attrici qedgha titlob l-ammont ta' tliet elef erba' mija u erbgha u disghin ewro (€ 3,494) ghal hsarat li sabet fuq il-vettura taghha, pero' l-konvenuta tqis li dan l-ammont huwa eccessiv. L-unika prova hija s-survey report esebit, li fih Natalino Agius jiddeskrivi l-hsarat u l-ispejjes involuti sabiex tigi msewwija din il-vettura.*

*Fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta waddbet hygiene jew likwidu simili, fuq il-vettura, it-Tribunal iqis li ma ngabet l-ebda prova konkreta li seta' kien hemm hsara minhabba xi tip ta' acidu li twaddab fuq il-vettura u ghalhekk dan mhux ser jittiehed in konsiderazzjoni ai finijiet tad-danni.*

*Illi fic-cirkostanzi, it-Tribunal huwa soddisfatt li d-danni reklamati huma dovuti u li l-konvenuta ma rnexxielix tikkontradici l-quantum jew in-natura tad-danni. Ghadaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta jilqa' it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-konvenuta".*

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-konvenuta interponiet appell mill-istess sentenza fejn qed jigi allegat li (1) l-attrici appellata ma ppruvatx sal-grad rikjest mill-ligi li kienet il-konvenuta appellanti li kkawzat id-danni fil-karozza tal-attrici volontarjament u wkoll li l-ammont ta' danni kien dak allegat mill-attrici u mitlub fl-avviz tat-talba quddiem It-Tribunal tat-Talbiet Zghar, u hawn tirreferi kemm ghax-xhieda, ir-ritratti u l-video esebit u tghid li l-ebda wiehed minnhom u lanqas komplessivament ma jwasslu ghall-grad ta' prova rikjest mill-ligi; (2) dwar l-ammont ta' danni jinghad ukoll li l-unika prova li ingabet kienet dik konsistenti fis-survey ta' Natalino Agius u allura skond l-istess appellanti tali danni attwalment rikjesti mill-appellata ma gewx ippruvati.

Illi dwar l-ewwel aggravju l-istess appellanti tikkontendi li l-fatt li bejn il-kontendenti kien hemm relazzjoni hazina kellu jwassal lit-Tribunal ghall-konkluzjoni li l-attrici hawn appellata esegerat il-pretensjonijiet taghha, u dan apparti li l-konvenuta appellanti ikkontradixxiet tali ammont ta' danni; dwar it-tieni aggravju gie sottomess li la darba t-tezi tal-konvenuta appellanti hija li ma gewx ippruvati d-danni kollha allegati – it-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar ma jistax jghid li l-konvenuta ma gabitx prova sabiex tikkontradixxi l-istess danni reklamati – ghaliex dan ma kienx hemm bzonn li jsir u lanqas seta` jsir; u fl-ahharnett issir riferenza f'paragrafu 12, u 13 (i) u (ii) tar-rikors tal-appell ghall-*items* specifici ta' danni li skond l-appellanti ma gewx ippruvati u lanqas ghandhom x'jaqsmu ma' dak allegat mill-istess attrici appellata.

Illi dwar l-istess l-appellati sostnew li dwar kemm dwar responsabbilta' d-decizjoni ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi prodotti u din il-Qorti ma ghandhiex tvarja l-konkluzjonijiet raggunti, u jinghad ukoll li d-danni gew kollha ppruvati.

Illi jidher li f'dan l-appell l-appellanti qed tistieden lil din il-Qorti sabiex taghmel ezami mill-gdid tal-provi mressqa quddiem it-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar (It-Tribunal) u

allura sabiex din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal ghal dak li huwa apprezzament tal-provi migbura.
Illi f'dan il-kuntest jinghad li l-principju generali huwa dak affermat fis-sentenzi **"Teresa Schembri et vs Carmel Cassar et"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Mejju 2010) u **"Vincent Abdilla et vs Angelika Bonnici"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Jannar 2011) fejn gie ghal darba ohra ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti tal-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti (jew f'dan il-kaz it-Tribunal) kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda *viva voce* u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` *o meno* taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (ara wkoll **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008)).

Illi dan l-insenjament gie kkonfermat fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **"Carmelo Camilleri et vs Joseph Spiteri et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Ottubru 2008) fejn appuntu nghad li f'materja ta' valutazzjoni ta' fatti, il-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti biss f'kazi eccezzjonali – (**"Phyllis Ebejer vs Joseph Aquilina"** – 10 ta' Jannar 1995).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami din il-Qorti thoss li l-attrici ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li d-danni sofferti fil-karozza tal-attrici Toyota Starlet Reg. Nru. MUM 019 gew attwalment ikkawzati mill-konvenuta, u dan jirrizulta mix-xhieda kollha prodotta mill-attrici, u mid-dokumenti minnha esebiti, mhux l-inqas ir-ritratti u l-video

esebit, u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-attrici ssodisfat l-oneru ta' prova mpost fuqha li d-danni li rrizultaw fil-karozza tal-attrici gew ikkawzati mill-konvenuta u li hemm in-ness ta' kazwalita' bejn l-agir tal-konvenuta u d-danni sofferti mill-attrici fil-karozza taghha.

Illi dan kollu qed jinghad kemm in vista ta' dak li inghad fis-sentenza hawn appellata, fejn jidher car li l-istess Tribunal sab li l-versjoni tal-attrici kienet iktar verosimili, fid-dawl tal-provi prodotti minn dik tal-konvenuta, u kif ukoll mill-provi kollha mressqa f'dan il-kaz mhux l-inqas il-video, ir-ritratti u wkoll id-dikjarazzjoni li ghamlet il-konvenuta f'forma ta' stqarrija fejn almenu f'okkazjoni wahda tghid li hija kkawzat hsara fil-karozza taghha sabiex dahhlitha ghaliex kellha diffikulta' sabiex iddahhal il-karozza taghha fil-garaxx minhabba l-mod kif l-attrici pparkjat il-karozza taghha – f'dan il-kaz jirrizulta li l-hsara giet ikkawzata ghaliex laqtet il-karozza tal-attrici u b'dan jirrizulta li ma qaltliha xejn (stqarrija datata 19 ta' Marzu 1997- Dok. "CVXZ").

Illi dan l-incident fid-dawl tal-fattispeci kollha tal-kaz, inkluz fid-dawl tad-dokumenti esebiti u dak li xehdu dwaru l-partijiet jindikaw b'mod konvincenti li l-versjoni tal-attrici hija hafna iktar versosimili minn dik tal-konvenuta, u hawn ghandu jigi enfassizat li l-verosimiljanza hija wkoll mezz ta' prova, u allura anke fuq dan il-binarju din il-Qorti thoss li l-versjoni attrici hija hafna iktar kredibbli u li ssodisfat il-grad ta' prova rikjest mill-ligi f'dan ir-rigward u f'din il-kawza u ghalhekk l-ewwel aggravju dwar responsabbilta' qed jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal ikkonfermata fuq dan il-punt.

Illi dwar l-ammont ta' danni attwalment ikkagunati jidher li l-istess gie ppruvat bis-survey esebit, li gie wkoll ikkonfermat bil-gurament u li l-konvenuta bl-ebda mod ma jista' jinghad li b'xi mod waslet sabiex tattakka l-veracita' jew il-konsistenza tieghu; dan apparti li dwar in-ness ta' kazwalita' bejn in-natura ta' danni u l-atti tal-konvenuta, jirrizulta li fuq grad ta' probabilita' dan ukoll gie ppruvat minn kull aspett, b'dan li din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, thoss li sa dan il-punt ma hemm xejn

x'ticcensura u/jew tbiddel minn dak li ddecieda t-Tribunal f'dan il-kaz, u dan ghaliex anke hawn jidher li l-attrici ssodisfat il-grad ta' prova mpost fuqha, u cjoe' ppruvat id-danni skond is-survey minnha esebit u huwa f'dan is-sens biss li din il-Qorti qed taqbel mad-decizjoni appellata.

Illi dwar dak li inghad f'paragrafu 12 jinghad li l-istorja tal-*hgiene* ma jirrizultax li biddlet jew kellha xi effett fuq in-natura ta' hsarat u danni reklamati anke fl-istess survey; fuq dak li nghad f'paragrafu 13 (i) ma hemm xejn x'jindika dak allegat mill-appellanti fis-sens li l-hsara hemm imsemmija ma gietx wkoll ikkawzata mill-konvenuta; dwar dak indikat f'paragrafu 13 (ii) dan ma jirrizultax.

Illi izda din il-Qorti tinnota li d-danni ndikati fl-istess survey jammontaw biss ghas-somma totali ta'  Lm833 u dan konsistenti fis-segwenti:-

(i) Lm70 ghall *upholstery;*
(ii) Lm145 ghall *paint labour*;
*(iii)* Lm45 ghall *panel beating;*
(iv) Lm335 ghall *estimated cost spare parts*; u
(v) Lm238 *total cost labour.*

Illi dawn jammontaw biss ghall-ammont ta' Lm833 ekwivalenti ghal elf, disa' mija u erbghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,940.33) u mhux ghall-ammont ta' €3,494 mitlub fl-avviz tat-talba attrici.

Illi ma hemmx dubju li fil-fatt l-ammont ta' danni riklamati mill-attrici gew sostanzjati <u>biss</u> bis-survey ta' Natalino Agius tant li l-istess decizjoni tat-Tribunal tghid li dwar id-danni *"l-unika prova hija s-survey report esebit li fih Natalino Agius jiddiskrivi l-hsarat u l-ispejjez involuti sabiex tigi msewwija dina l-vettura".* L-ammont ghalhekk ippruvat huwa biss dak indikat fl-istess survey u mhux l-ammont mitlub mill-attrici u  ghalhekk l-appell qed jigi milqugh fis-sens biss li l-ammont ta' *sorte* li l-konvenuta ghandha thallas lill-attrici huwa dak ta' €1,940.33 bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' dan l-appell, stante n-natura tal-kaz, ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi minhabba r-ragunijiet hawn moghtija f'din is-sentenza **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Marianne Scott fir-rikors taghha datat 30 ta' Settembru 2010 biss fil-kuntest ta' dak hawn deciz,** b'dan ghalhekk li **tirrifforma, tvarja u tibiddel id-decizjoni tat-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar datat 16 ta' Settembru 2010 fl-ismijiet "Claire Vella nee' Gatt vs. Marianne Scott",** u **dan billi fil-waqt li tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat li l-konvenuta hija responsabbli ghad-danni kkawzati volontarjament mill-konvenuta fil-vettura tal-attrici Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni MUM 019, thassarha u tirrexindieha fil-parti fejn ikkundannat lill-konvenuta appellanti thallas lill-attrici appellata l-ammont ta' €3,494 f'danni u minflok tiddeciedi li tikkundanna lill-konvenuta appellanti thallas lill-attrici appellata l-ammont ta' elf, disa' mija u erbghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,940.33), rappresentanti danni kkawzati volontarjament mill-konvenuta fil-vettura tal-attrici Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni MUM 019 bl-imghax legali mid-data tas-sentenza odjerna sal-effettiv pagament.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez, inkluzi dawk ta' dan l-appell, stante n-natura tal-kaz, ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------